MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 837/2009

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

vs

Dominic Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 491390M, akkuzat talli nhar it-13 ta' Lulju, 2009 ghal habta tal-erba' ta' fil-ghodu gewwa Triq il-Kbira, Hal Balzan volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeb haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-bandalora u l-antarjola tal-festa ta' Hal-Balzan ghad-dannu tal-Kazin tal-Banda San Gabriel u c-centru Zaghazagh Balzan jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin

centezmu (1,164.69), imma kien izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Mill-istqarrija stess tal-akkuzat jirrizulta li kien hu li wettaq id-delitt meritu dina l-kawza. Aktar l-akkuzat ammetta l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata ssibu hati. Rat l-Artikolu 325(B) tal-Kap 9. Rat il-fedina penali netta tieghu. Tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum oltre li jhallas €600 in linja ta' danni lill-Centru Zghazagh ta' Hal-Balzan fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------